MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 319/1987/1

**Prim Ministru, il-Ministru tat-Turiżmu, l-Aġent Kummissarju tal-Art, u Albert Agius Ferrante, Chairman tal-Management Committee tal-Mediterranean Conference Centre**

**-vs-**

**Andrew James Creighton, Christopher John Forbes; Romano Pio Benedecto Malocca; Raymond Ernest Cave; u b'digriet tat-22 ta' Frar 1988 Dr Graham Busuttil u l-Prokuratur Legali Marie Paris ġew nominati biex jirrappreżentaw lill-assenti Raymond Ernest Cave fil-kwalita' tiegħu, f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera Daihatsu (U.K.) Limited; u Dr Victor Borg Grech u l-Prokuratur Legali George Scicluna li b'digriet tal-14 ta' April 1987 ġew nominati biex jirrapprezentaw il-kumpanija estera Laser Point Limited; u b'digriet tal-5 ta' Mejju 1988 Dr Ivan Gatt u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici ġew nominati kuraturi biex**

**jirrappreżentaw lill-konvenut Christopher John Forbes; u b'digriet tal-5 ta' Mejju 1988 Dr Marco Grixti u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-konvenut Romano Pio Benedecto Malocca; u b'digriet tal-5 ta' Mejju 1988 Dr Jose' Herrera u l-Prokuratur Legali Anthony Farrugia ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lill-konvenut Andrew James Creighton.**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' April 1987 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi t-teatru tal-Mediterranean Conference Centre tal-Belt Valletta, li huwa tal-Gvern ta' Malta, kien ġie mikri u magħmul disponibbli lill-kumpanija konvenuta Daihatsu (U.K) Limited, għal konferenza li kellha tagħmel;

Illi fost dawk inkarigati mill-preparamenti għall-konferenza kien hemm il-kumpanija l-oħra konvenuta Laser Point Limited li pprovdiet l-apparat tal-laser u t-tliet konvenuti Malocca, Creighton, u Forbes biex iħaddmu dak l-apparat;

Illi x-xogħlijiet ta' preparamenti u attrezzar għall-konferenza kienu taħt is-sorveljanza tal-konvenut Cave li kien imqabbad mill-kumpanija Daihatsu (U.K.) Limited biex jirrappreżentaha għal dik il-konferenza;

Illi fil-25 ta' Marzu 1987, waqt dawk ix-xogħlijiet, sar inċedju li ddistruġġa dak it-teatru u ambjenti oħra tal-istess Centru b'apparati u attrezzi li kien hemm;

Illi l-konvenuti huma responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi b'riżultat ta' dak il-ħruq, kompriż it-telf ta' qliegħ futur.

Jgħidu l-konvenuti, fil-kwalita' tagħhom premessa għaliex:

(1) m’għandhomx jiġu dikjarati responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi bl-inċedju fuq imsemmi, u

(2) m’għandhomx jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *in linea* ta’ danni dik is-somma li tiġi stabbilita minn din il-Qorti, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi, għall-ħsarat minnhom sofferti u għat-telf ta’ qliegħ futur;

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandati ta’ impediment tas-safar u ta’ sekwestru tat-3 ta’ April, 1987 kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi konvenuti Avukat Dottor Victor Borg Grech nomine et preżentata fit-13 ta’ Mejju 1987 fejn ġie premess:

1) Illi l-kumpanija minnhom assistita hija kumpanija estera li m’għandha l-ebda relazzjoni ġjuridika mal-atturi nomine, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

2) Illi għar-rigward tal-fatti, l-eċċipjenti nomine jiddikjaraw li m’humiex edotti mill-istess fatti u jirriservaw li jagħtu eċċezzjonijiet xierqa jekk u meta jkun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-kuraturi konvenuti Avukat Dottor Victor Borg Grech nomine et u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Ernest Cave f’ismu proprju preżentata fis-19 ta’ Mejju 1987 fejn ġie premess illi:

1. Fiċ-ċitazzjoni xejn mhu allegat li jista’ jipproduċi bħala effett ir-responsabbilita’ legali billi l-pretiża sorveljanza per se, anke li kieku kien minnu, ma twassal għal ebda responsabbilita’, jekk ma tkunx akkumpanjata minn negliġenza jew inkompetenza – u dana mhu allegat bl-ebda mod kontra tiegħu la fil-premessi u lanqas fit-talba. Għalhekk, iċ-ċitzzjoni fil-konfront tal-eċċipjent personalment hija bla kawżali u konsegwentement nulla.

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju l-pożizzjoni tal-attur Albert Agius Ferrante mhiex ċara, u għandu jiġi ċċarat jekk huwiex qiegħed jaġixxi f'isem il-Management Committee, jekk għandux ir-rappreżentanza ġudizzjali tal-Management Committee u dana għandu jirriżulta bil-produzzjoni tar-regolamenti li jirregolaw l-istess kumitat.

3. Subordinatament fil-meritu u mingħajr preġudizzju huwa reċiżament negat illi l-preparamenti u l-attrezzar tal-konferenza in kwistjoni kienu taħt is-sorveljanza tiegħu. Ix-xogħol fil-Mediterranean Conference Centre kien qed isir minn persuni tekniċi indipendenti li kienu qedgħin jattendu għall-preparamenti u l-attrezzar tal-konferenza u l-esponent ma kellu l-ebda mansjoni ta' sorveljanza dwarhom.

4. Huwa sottomess illi d-domandi li saru kontra tiegħu kif kontenut fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra u salva kull azzjoni għal danni u penali kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Raymond Ernest Cave u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Raymond Ernest Cave għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera Daihatsu (UK) Ltd. preżentata fid-19 ta' Mejju 1987 fejn eċċepixxa:

1. Illi n-notifika tiegħu bħala rappreżentant tal-kumpanija konvenuta Daihatsu (UK) Ltd. hija nulla, peress li l-eċċepjent la hu u lanqas qatt ma kien ir-rappreżentant leġittimu ta' din il-kumpanija. Għalhekk prevja d-dikjarazzjoni tan-nullita' tan-notifika, hu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Raymond Ernest Cave għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija estera Daihatsu (UK) Ltd.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Romano Pio Benedecto Malocca, Andrew James Creighton u Christopher John Forbes preżentata fis-19 ta' Mejju 1987 fejn ġie premess:

1. Illi ċ-ċitazzjoni hija nulla billi m'hemmx indikat fiha ness ta' bejn l-att dannuż u l-aġir tal-esponenti.

2. Bla preġudizzju, jekk l-atturi riedu jgħidu li l-Laser beda n-nar, (li mkien fiċ-ċirkostanzi ma qalu) dan huwa miċħud.

3. Anke kieku kellu jiġi provat illi n-nar ġie kawżat mill-laser, dan kien tant inprevedibbli li l-esponenti ma jirrispondux għalih.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Romano Pio Benedecto Malocca, Andrew James Creighton, u Christopher John Forbes u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi u rat l-affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ġunju 1987 li permezz tiegħu Dr. Anthony Borg Barthet għall-attur ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront tal-konvenut Cave personalment;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fis-16 ta' Ġunju 1987 illi permezz tagħha ġew miċħuda l-eċċezzjoni ta' nullita' tal-konvenuti Creighton, Forbes u Malocca;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dottor Joseph Micallef Stafrace, nominat mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-inkjesta ta' dik il-Qorti;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Victor Borg Grech a fol 339 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-illum Onor. Imhallef Dottor Tonio Mallia, li kien gie maħtur perit legali;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri li kien ġie nominat bħala Assistant Ġudizzjarju biex jisma' l-kumplament tal-provi;

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina fir-rigward tal-imsemmija inkjesta Magisterjali a fol 465;

Rat ir-rapport tal-istess inkjesta (tal-perit legali u dak tekniku) esebita darbtejn l-ewwel a fol 452 u imbagħad a fol 614 tal-proċess;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-5 ta' Mejju 2010 li permezz tagħha ġiet sfilzata n-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tas-soċjeta' MFPS Lmited (gia Daihatsu Motors Limited) u li kienu ġew preżentati a fol 671 sa 674 tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 il-kawża finalment tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi il-Qorti qabel xejn se tirriepiloga l-provi mressqa u peress li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur għamlet dan tajjeb se tagmel riferenza għal dak indikat fil-fol 758;

*"Charles Bonello, li kien Theatre Manager taċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, xehed li "... kien hemm xi 5 technicians. Kienu qed jimbuttaw is-sellum forċi l-kbir (li ġabu huma stess) lejn nofs il-palk ... kif il-forċi kien eżatt f'nofs il-palk ġie kważi jmiss mal-purtiera. F'nofs din il-purtiera hemm arma tar-Repubblika u nara duħħan irqiq tiela' 'l fuq, qisu ċumnija, b'dijametru ta' 6/8 pulzieri (kif rajt jien mnejn kont) joriġina mill-arma, dawra eżatt fin-nofs tal-arma. Dik id-dawra kienet skorċa kannella ... In-nar kien fl-inħawi tal-arma ... Sadattant il-fjamma minn*

*pulzieri saret tad-dimensjoni tal-arma kollha. F'sekondi ħadet il-purtiera kollha – cjoe' n-nar beda jinfirex sew magħha."*

*Fl-istess seduta xehed ukoll David Harvey, li kien Technical Manager inkarigat mis-soċjeta' Daihatsu (UK) Ltd, li qal li "... From the coat of arms I saw smoke, very little, coming up ... The smouldering was getting bigger."*

*Fl-istess seduta xehed ukoll Romano Malocca, li kien Electronics Technician inkarigat mis-soċjeta' Daihatsu (UK) Ltd, li qal li "At the time of the fire the only pieces of equipment that where, to my knowledge, on, were the laser video projector and the video mixing equipment ... The whole curtain was in flames and was falling down ... It is the practice of all laser technicians that while testing the programmes we train the scanned beam on the curtain and above."*

*Fl-istess seduta xehed ukoll Christopher Forbes, li kien Technician/Installations Manager inkarigat mis-soċjeta' Laser Point Limited (soċjeta' mqabbda mis-socjeta' Daihatsu (UK) Ltd), li qal li "I think that it is possible, although very unlikely, that if the laser beam is trained on an object or person for a short while, say a few seconds, it could cause burns if it is not scanned."*

*Fl-istess seduta xehdet ukoll Dilys Davies, li kienet Creative Director għas-socjeta' Penney & Partners, li qalet li "I noticed a very small bit of smoke coming directly from the emblem. It had some black in it. Very calmly I observed that there was a little fire in the curtain ..."*

*Fl-istess seduta xehed ukoll Andrew Creighton, Laser Engineer tas-soċjeta' Laser Point Limited, li ddikjara li hu kien qiegħed jaħdem fuq il-lasers. Lasers kien hemm tnejn – wieħed tfih sagħtejn qabel u l-ieħor erbgħin minuta qabel l-inċendju. Spjega li "... The Argon laser's beam can be kept stationary. It always starts off in a stationary beam. A number of programmes were designed in such a manner that the beam starts at a point incident on the emblem."*

*Fl-istess seduta xehdu wkoll Gary Porter u Andrew Game, li kkonfermaw li meta xegħel in-nar, ħarsu lejn il-laser, li kien jidher mitfi.*

*Fl-istess seduta xehed ukoll William Hunt, li kkonferma li filwaqt li jaħseb li l-laser kien mitfi meta nfirex in-nar, "when it was on the beam was aimed at the panelling over the curtains. From the position I was I wouldn't know exactly whether the beam was on or off."*

*Fl-istess seduta xehed ukoll John Del'Nero, li kkonferma li l-laser kien mixgħul madwar għoxrin minuta qabel beda n-nar.*

*Fl-istess seduta xehed ukoll Malcolm Thomas, li ddikjara li "The laser video projector was on at the start of the fire but the beam was focused on a screen above three feet from the projector itself."*

*Sussegwentement xehed ukoll Stephen Penney, li kkonferma li "Looking from beneath the drapes from which the emblem hung, I could see that the flames originated from the rear of the emblem itself."*

*Inżamm aċċess fl-istess inkjesta fis-26 ta' Marzu 1987, fejn ġie kkonstatat li s-saqaf tas-Sala Republika (r-Republic Hall) kien ikkrolla kollu u kien hemm il-ħitan ta' madwar l-istess inkaljati u b'ammont ta' ġebel imwaqqa' għal isfel (ġewwa s-sala). Inqered l-elettriku kollu kif ukoll is-sistema tal-fire alarm. Ġiet affetwata wkoll il-lighting control room. Ġiet meqruda kompletament is-sistema tal-airconditioning. Kien hemm ħsara konsiderevoli wkoll fi swali oħrajn, inkluż fis-sala Ellul Mercer, fil-panelling, seats, soffit, twapet, apparat tad-dawl u s-sound system.*

*Kien xehed ukoll Albert Agius Ferrante, li kien Chairman taċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, li kien spjegali tramite s-soċjeta' SMS Limited, kienu ġew konklużi trattativi sabiex il-klijenti tagħhom jorganiżżaw konferenza ġewwa Dar il-Mediterran. Biss il-kuntratt kien għadu mhux konkluż, għaliex sa l-aħħar ġurnata baqgħu jbiddlu*

*l-klawsoli u jitolbu iktar servizzi. Il-file kien inħaraq meta nħarqet is-sala. Ikkonferma wkoll li l-aħħar ċertifikat tal-fire hydrants ottenut minn Thomas Harmsworth sar f'Novembru 1986.*

*Reġa' xehed Romano Malocco, li mistoqsi mill-Espert Legali, qal "I am being asked whether we are preoccupied about the possible damaging effects to materials which the laser beams may induce, especially when operating at full power. The answer is in the affirmative. As a precaution ... we always program up at low output levels and at a high lateral position ... On being asked whether I had finished with my programming (of the laser) on the day in question, my answer is no ... We were programming the following designs ... all this while the beam was trained on the curtain itself ... I think Andy used the emblem because it is the centre point of the stage. Indeed a number of programmes were so designed that they started off with the beam placed on this central point, namely the emblem – which is the point where the fire seems to have originated. I don't know what material the emblem was made of. I used the emblem as a starting point in view of the fact that there was a lot of white colour in it which due to its reflectivity would be safest against fire hazard. I automatically considered that emblem to be made of fabric material. This did not perturb me. I felt it was safe enough to be projected onto."*

*Xehed ukoll Anthony Portelli, driver mas-socjeta' SMS Limited (fol 261) li kkonferma li kien ġewwa Dar il-Mediterran għall-habta tal-4:45 p.m. u baqa' ġewwa sa meta ħa n-nar u li kkonferma li kien ra diversi drabi d-dawl aħdar dirett fuq l-arma.*

*Diversi kienu x-xhieda l-oħra li kkonfermaw li raw il-laser jitużа u jitħaddem fuq l-arma dakinhar tal-inċident wara nofsinhar, fosthom Josette Ebejer, Rosanna Cauchi, Emmanuel Darmanin (fol 292), Patricia Beverly (fol 296) u Mark Micallef, li xehed li kien telaq għall-ħabta tal-ħamsa; kien ta daqqa t'għajn fir-Republic Hall, ra l-laser jaħdem, "kif kien ilu l-ġurnata kollha." Ikkonferma li hu kien responsabbli għal stage lights u apparat elettroniku tal-*

*konferenzi. Kien għamel il-ġurnata kollha fir-Republic Hall, kien hu l-persuna li jindirizza l-faults u spjega li f'erba' snin li kien ilu għamel, qatt ma kellu short circuit. Spjega li l-bozoz fuq il-palk kienu fuq lighting bars u l-eqreb lighting bar viċin tal-arma kienet madwar sitt piedi l-isfel mill-purtiera u erba' piedi lura mill-istess. Fl-esperjenza tiegħu fis-setting tad-dawl, "ir-raġġ kont dejjem nitfgħu b'mod li niskapola l-purtiera." Sakemm telaq hu, kien kollox qiegħed jaħdem perfett. Spjega f'dettall l-apparat li tiegħu kien responsabbli u li nħaraq fl-inċendju. Spjega wkoll il-lokazzjoni tal-pyrenes fuq u madwar il-palk u li l-hose kien jiġi ċċekkjat regolarment mill-Pulizija (fol 290).*

*Xehed ukoll Keith Benson (fol 279), li kkonferma li d-dwal kollha ta' Dar il-Mediterran kienu tal-anqas tliet piedi l-bogħod u għaxar piedi l-isfel mill-emblema u li ma kienx hemm aktar dwal jew festuni viċin il-purtiera jew l-emblema. Ikkonferma wkoll li qabel ma bdew jaħdmu, ittestjaw il-lighting bar u sabuha "to be in full working order."*

*Xehed ukoll Charles Bonello (fol 282), li kkonferma li meta daħal hu fis-sala fil-5.30pm, il-laser kien mixgħul. Biss ma jafx jekk intefiex aktar tard bejn dan il-ħin u l-5:45 p.m. meta huwa stmat skond ix-xhieda li beda n-nar.*

*Xehed ukoll John Pace (fol 288), li kkonferma li bejn Diċembru 1985 u Marzu 1986 u ta servizz (servicing) fuq 48 pyrenes. Spjega li hu kien jiġbor għadd ta' bombli (fire extinguishers) regolarment miċ-Ċentru, joħodhom il-workshop tiegħu u jirritornahom wara tletin siegħa ċċekkjati bit-tikketta siġillata u datata. Spjega b'dettal x'pyrenes kien hemm u l-kulur u funzjoni ta' kull pyrene.*

*Xehed ukoll Thomas Harmsworth, li kien jokkupa l-kariga ta' Operations Manager fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi dakinhar tal-inċendju, li spjega li kien rahom jużaw il-laser, kif ukoll li ilma kien hemm u li kull ma kellhom jagħmlu kien li jdawru rota sabiex jinżel l-ilma. Eżebixxa fotokopja ta' ċertifikat maħruġ mill-Pulizija dwar il-hydrants.*

*Xehed ukoll PS 412, Alfred Baldacchino, li kien l-uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija li fit-2 ta' Settembru 1986 kien mar jispezzjona l-fire hydrants u l-fire hose reels u kkonferma li sab uħud in good working order, filwaqt li oħrajn kien tahom xi żejt. Meta fetaħ il-valve tal-ilma, ġie ftit ilma. Jeskludi li kien biss ilma fil-kanna tal-ilma (residue) għaliex kien hemm certu "hissing li ndikali li kien hemm supply."*

***Quddiem il-Qorti**, kien ġie riprodott Charles Bonello, li kien spjega li Daihatsu (UK) Limited kienu qabbdu diversi kumpaniji sabiex jieħdu ħsieb ix-show u li t-technicians tal-kumpanija kienu ġew xi erba' darbiet qabel ix-show sabiex jaraw l-apparat u l-faċilitajiet, iċċekkjaw kollox u qatt ma lmentaw minn xejn. Kienu talbu supply ta' ilma u kien urihom żewġ postijiet; kienu dehru kuntenti u ħadu s-supply li riedu. Spjega li din kienet conference launch kbira u l-organiżżaturi kellhom free hand f'dak li riedu jorganiżżaw. Kien ġie mgħarraf ukoll li l-laser ma kinetx oriġinali mill-fabbrika iżda kienet ġiet modifikata. Spjega wkoll li hu kien fir-restaurant ma' ġenb ir-Republic Hall dak il-ħin tal-inċendju jiddiskuti ma' direttur tas-soċjeta' konvenuta dwar il-kuntratt meta, minn kommozzjoni li sema', induna li kien hemm xi ħaġa ħazina fir-Republic Hall. Kien hu li ta pyrene lil wieħed mill-impjegati Ngliżi tas-soċjeta' konvenuta li spara d-dry powder imma dan ma kellux effett. Spjega li n-nar kien kiber mhux ħazin fi ftit minuti u li l-purtiera ħadet in-nar minnufih u n-nar infirex malajr. Meta waslu l-fire engines, tant kien hemm duħħan fis-sala li ma setgħux jidħlu u għalhekk tefgħu l-ilma minn fuq.*

*Xehed ukoll l-Espert Kimiku, Dr. Alfred Vella, li spjega li kien inħatar espert dakinhar tal-inċident. Spjega d-dettalji li hu kien ikkonstata, kif ukoll kif laser iffokat fuq materjal li jżomm is-sħana jista' jilħaq l-ignition point u b'hekk jilħaq combustion u jaqbad (fol 355). Spjega li l-laser, li kien ta' 18 watts, huwa ferm aktar qawwi minn dak li jintuża regolarment f'postijiet ta' divertiment. Spjega wkoll li "ma kien hemm xejn x'seta' kkaġuna n-nar ħlief il-laser; ma kienx hemm elettriku fil-qrib li seta' kkaġuna short circuit.*

*In-nar beda fl-għoli u ma kienx hemm apparat fil-post, bħal slielem, li xi ħadd seta' qabbad in-nar. Il-post kien il-boghod mill-catwalk ta' fuq il-palk u għalhekk in-nar ma setax jitqabbad manwalment. Meta wieħed jikkonsidra fejn skoppja n-nar, ma stajt nara ebda ħaga oħra x'kien l-iskop tan-nar ħlief il-laser" (fol 356).*

*Xehed ukoll Thomas Harmsworth, li spjega li għall-użu tal-apparat, rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta kienu talbu kemm elettriku, li kien ittieħed minn kamra sitwata wara l-palk, kif ukoll ilma, li kienu ħadu minn ġot-toilets, fejn kienu waħħlu żewġ pompi li mbagħad ħarġu pipes minnhom biex jitqabbdu ma' apparat ġewwa s-sala. Spjega li taħt is-sala kien hemm tank kbir tal-ilma sabiex, jekk jieqaf is-supply tal-Gvern, xorta jkun hemm supply tal-ilma. It-tank jissupplixxi l-ilma b'pompa li għandha switch awtomatiku li jinxtgħel meta s-supply tal-ilma tal-Gvern tinqata'. L-elettriku fiċ-Ċentru ma jintefa' qatt u għalhekk, is-supply tal-elettriku għal din il-pompa ma jaqtax. Spjega fid-dettall il-fire fighting equipment fiex kien jikkonsisti u fejn kien sitwat. Ikkonferma li kollox kien ġie ttestjat fil-ġimgha u x-xhur preċedenti. Għal dik li hija għajnuna, is-soċjeta' konvenuta ma kienet talbet għall-ebda servizz ta' ħaddiema Maltin, proprju għaliex kienet ġabet in-nies kollha minn barra, kemm dawk tekniċi kif ukoll labourers. Qal ukoll li kellem lil xi Ngliżi, li spjegawlu li kif kien hemm id-duħħan fuq il-palk, ma setgħux jissaportu u telqu 'l barra. Spjega wkoll li "il-pompi tal-ilma kienu taħt il-kontroll tal-Ingliżi u kienu huma li kienu jiftħu u jagħlqu l-ilma kif xtaqu." Kompla jghid li "il-hose pipes t'isfel kienu wieħed ħdejn il-bieb u l-ieħor faċċata tiegħu, b'hekk jiġu ħdejn il-palk u ieħor wara. It-tnejn ta' ħdejn il-palk ilaħħqu sal-palk. L-għada mort fuq il-post u ftaħt biex nipprova wieħed mill-hose pipes, <u>u niftakar li ħareġ ilma</u>."*

*Xehed ukoll Vanni Farrugia, li kien jieħu ħsieb il-maintenance ġewwa ċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, li wkoll spjega r-rikjesta tar-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta għall-elettriku u ilma u dak li fil-fatt għamlu użu minnu l-istess persuni. Spjega li r-reservoir (tal-ilma) kien jiċċekkjah tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa u meta kien niżel proprju dik il-ġimgħa stess qabel l-*

*inċident, kien sabu mimli u jaħdem tajjeb. Spjega li sabiex il-pompa (tal-ilma) ma teħilx, ġieli kienu jħaddmuha manwalment u wara jitfgħuha fuq l-automatic setting. Ikkonferma (fol 369) li meta qabad in-nar, hu rritorna lejn iċ-Ċentru u fis-sala sab il-Pulizija tat-taqsima tat-tifi tan-nar ikkomunikati mal-hose pipes taċ-Ċentru jigbdu ilma mir-reservoir u jitfgħu l-ilma fuq in-nar. Ġie mistoqsi dwar ix-xhieda tiegħu mogħtija fl-inkjesta u spjega li dakinhar, kien ikkonferma li ma setax qal li l-pompa kienet mitfija għaliex il-kurrent ikun dejjem għaddej u l-pompa tibda taħdem weħidha meta jaqta' l-ilma tal-Gvern.*

*Fit-23 ta' Novembru 2001, Dr. Victor Borg Grech, kuratur tas-soċjeta' Laser Point Limited, informa lill-Onorabbli Qorti li din is-soċjeta' kienet ġiet likwidata.*

*Fit-2 ta' Ġunju 2010, ġew ipprezentati erba' affidavits, senjatament ta' Ralph Sillett, li spjega li kien impjegat tas-soċjeta' konvenuta preżenti f'Malta għat-tnedija tal-vettura Daihatsu Charade. Spjega li t-tnedija ġiet ikkoordinata minn soċjeta' imqabbda minnhom, Penney & Partners, li hu wasal Malta dakinhar tal-inċendju u wasal fiċ-Ċentru fil-5:00 p.m. Kien ra l-operaturi tal-laser, li kienu ħaddiema ta' kumpanija oħra, Laser Point Limited, imqabbda mis-soċjeta' konvenuta. Hu ma kienx preżenti meta beda n-nar iżda meta daħal fis-sala, kien induna li xi ħadd kien qiegħed jiġbed l-attenzjoni ta' dawk preżenti għall-purtiera ta' fuq il-palk. Ħares 'l fuq u ra duħħan ħiereġ minn hemm. Kien innota li sakemm inġab sellum biex jipprovaw jindirizzaw il-ħruq, kien diġa' hemm toqba fuq il-motif. Qal li la l-fire alarm u lanqas il-fire extinguisher ma ħadmux. Spjega li meta ppruvaw iqabbdu l-ilma, ma ħareġ xejn.*

*Ġie ppreżentat ukoll affidavit ta' Kathy Grieve, impjegata tas-soċjeta' konvenuta, li ddikjarat li kienet waslet fiċ-Ċentru għall-ħabta tal-5:10 p.m. Meta daħlet, il-laser kien mixgħul, biss skond hi, intefa' ħames minuti wara. Bejn is-5:45 p.m. u s-5:50 p.m., hi kienet fl-auditorium meta semgħet lil xi ħadd jgħid "... the curtain is burning. I looked at the curtain and the emblem in the middle of the pelmet was smouldering." Sostniet li rathom jippruvaw*

*jużaw fire extinguisher li ma ħadimx. Qalet li rat lil Paul Silvester ikisser fire alarm point iżda din ma daqqitx u rat ukoll it-tentattiv sabiex jintużaw il-pipes tal-ilma, iżda meta xegħluhom, ilma ma ħariġx. Qalet li sa dak il-ħin, in-nar kien infirex konsiderabilment u xi ħadd għajtilhom biex joħorġu. Qalet li ħarġet miċ-Ċentru għall-ħabta tas-6:15 p.m. Spjegat ukoll x'ġara fil-jiem sussegwenti fl-investigazzjoni.*

*Ġie eżebit ukoll affidavit ta' John Light, segretarju tas-soċjeta' konvenuta, li spjega li hu ma kienx Malta meta seħħ l-inċendju. Spjega wkoll liema kienu l-kumpaniji sussidjarji li s-soċjeta' konvenuta Daihatsu (UK) Limited kienet qabbdet sabiex jassistuha fil-konferenza.*

*Ġie eżebit ukoll affidavit ta' Maurice Rourke, Managing Director ta' Daihatsu (UK) Limited, li kkonferma ħafna mid-dettalji li qalu l-kollegi tiegħu, kif ukoll li hu ma kienx Malta dakinhar tal-inċident.*

*Fit-2 ta' April 2012, sar il-kontro-eżami ta' Maurice Rourke u Kathy Grieve. Din tal-aħħar ikkonfermat li waqt li kienet fis-sala, il-laser kien qiegħed jintuża. Spjegat li rat il-laser ippuntat fuq l-emblema u minkejja li ssostni li l-laser kien mitfi fil-ħin tal-inċident, in-nar beda fil-parti fejn kien ippuntat il-laser.*

*In kontro-eżami, Maurice Rourke ikkonferma li s-soċjeta' Daihatsu (UK) Limited wara l-inċident ma talbitx rapport mis-sub-appaltaturi tagħha dwar ix-xogħol li kienu laħqu eżegwew, x'kien ġara u x'raw.*

EĊĊEZZJONIJET

Illi l-eċċezzjonijiet ulterjuri preżentati mis-soċjeta konvenuta kif ingħad ġew sfilzati permezz tad-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell. Għalhekk strettament dawn ma humiex in atti.

Illi madankollu kif kellha okkażjoni tikkummenta l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Musu' nomine vs Vella nomine"** (4 ta' Diċembru 1998):

*"Għandu pero' jkun paċifiku illi l-Qorti kellha tiddeċiedi* ***'iuxta allegata et probata'*** *fuq it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Anke jekk dawn l-eċċezzjonijiet mhux neċessarjament jirriżultaw formaliżżati bħal tali imma jkunu jirriżultaw xorta oħra waqt it-trattazzjoni."*

Illi s-soċjeta' MFPS Limited fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għamlet allura riferenza għall-fatt li hija kienet qed tikkontesta l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Il-Qorti pero' taqbel mal-atturi illi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni żgur skondi s-sub-inċiż 1(c) tal-Artikolu 742 tal-Kodiċi tal-Proċedura, u ċjoe' fis-sens li l-Qrati ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu kawżi li jirriġwardjaw *"kull persuna f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew jinsabu f'Malta"*. Ma hemmx kwistjoni li l-kawża hija dwar ħsara lill-proprjeta' li tinsab f'Malta.

Illi rigward il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta msemmija – anke dan ġie msemmi fin-nota ta' sottomissjonijiet, dan irid jirriżulta mill-provi. Dan għaliex kif se jingħad, hemm nuqqas ta' qbil dwar in-natura tat-titolu li permezz tiegħu is-soċjeta' konvenuta kienet qed tagħmel użu mill-ambjenti in kwistjoni.

Illi l-atturi jsostnu li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' kirja anke jekk finalment qatt ma ġie ffirmat wieħed bil-miktub. Da parti tagħha s-soċjeta' konvenuta tgħid li hija qatt ma ffirmat ebda ftehim u jekk sar xi ftehim dan sar mill-aġenti tagħha f'Malta.

Illi l-Qorti jidhrilha illi kien x'kien il-ftehim ma hemmx dubju li kienet is-soċjeta' konvenuta illi kienet qed iżżomm il-konferenza msemmija meta nqala' l-inċident. Għalhekk hija ma tistax teżonera ruħha mir-responsabilita' għal dak li seta' jiġri. Huwa evidenti li l-organiżżazzjoni tal-konferenza, kif jirriżulta anke mix-xhieda msemmija kienet tagħha. Anke jekk jidher li l-inċendju ġie kawżat mill-użu tal-*laser*, u dan kien qed jiġi operat minn soċjeta' oħra (Laser Point Limited, illum likwidata u rappreżentata

f'dawn il-proċeduri minn kuraturi deputati), din is-soċjeta' ġiet mingħajr dubju nkarigata biex topera dan il-*laser* mis-soċjeta' Daihatsu Motors (issa MFPS Limited) u hu x'inhu żgur li tirriżulta solidarjeta' legali bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet illi huma soċjetajiet kummerċjali, u għalhekk għalihom japplika d-dritt kummerċjali illi jippreżumi s-solidarjeta' kontrarjament għad-debiti ċivili. (Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Kummerċ). *Oltre* dan assolutament mhijiex kredibbli is-soċjeta' konvenuta meta tgħid li s-soċjeta' Laser Point ma kellha x'taqsam xejn magħha, fis-sens li ma nkarigathiex hi. Hu ċert li ma kienux l-atturi li nkarigawha – Maurice Rourke per eżempju jgħid li s-soċjeta' nkarigata minnhom ħadet ħsieb is-*subcontracting* – imma l-*lokaturi* prinċipali **kienu huma u ħadd aktar**. Huwa evidenti għall-Qorti li s-soċjeta' MFPS Limited qed tavvanza dawn l-argumenti biex teżimi ruħha mir-responsabbilta' għal dak illi ġara.

Illi huwa ċar mill-provi illi l-inċendju li kkawża l-ħsara ġie kkawżat mill-operat tal-*laser* li dam wisq ikkonċentrat fuq post wieħed. Madankollu kien evidenti wkoll għall-esperti illi kkonduċew l-inkjesta, illi n-nar għamel ħsara estensiva għaliex *"ma kienx hemm meżżi biex dan jiġi kkontrollat. Primarjament dan sar għaliex ma kienx hemm fire fighting equipment adekwat u wisq anqas nies imħarrġa biex jitfu n-nar. Il-provita ta' Safety Curtain kienet fi żgur tissegraga l-palk mir-rimanenti tal-bini. L-appart għat-tifi tan-nar ... kien miseru u mhux biżżejjed biex jikkontrolla n-nar sabiex ma jinferixx sakemm jaslu l-fire engines"*.

Illi għalhekk filwaqt li huwa evidenti li l-inċident ġie kkawżat mill-konvenuti, kien hemm element ta' kontributorjeta' konsiderevoli fl-estensjoni tal-ħsarat. Għalhekk il-Qorti se taqsam il-ħtija għall-ħsara li ġrat in kwantu għal nofs għall-atturi u nofs għall-konvenuti *ai termini* tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili dwar id-danni. (Artiklu 1051).

Illi l-Qorti għalhekk issib lis-soċjetajiet MFPS u Laser Point solidalment responsabbli għal dak li ġara. Il-konvenuti personalment għandhom għalhekk jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

## DANNI

Illi kwantu għall-likwidazzjoni tad-danni, l-ammont indikat mill-atturi *tramite* x-xhud li ġie prodott minnhom ma ġiex kontestat minn ħadd mill-konvenuti. Għalhekk dawn jammontaw għas-somma ta' żewġ miljuni, tmien mija u disgħa u tmenin elf, mija u tnejn u disgħin liri Maltin (Lm2,889,192.00), ewkivalenti għal sitt miljuni, seba' mija u tletin elf u sitt Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6,730,006.99); billi kif ingħad il-Qorti se ssib lill-konvenuti msemija responsabbli għan-nofs dawn il-ħsarat, se tikkundannahom iħallsu lill-atturi nofs dik is-somma. U allura tliet miljuni, tliet mija u ħamsa u sittin elf u tliet Ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,365,003.50).

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża, billi tiddikjara s-soċjetajiet MFPS Limited (ġja' Daihatsu (UK) Limited) u Laser Point Limited solidalment responsabbli kwantu għal nofs tad-danni subiti mill-attur kawża tal-inċendju ndikat fiċ-ċitazzjoni, u tikkundannahom ukoll solidalment iħallsu s-sommma fuq imsemmija ta' tliet miljuni, tliet mija u ħamsa u sittin elf u tliet Ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,365,003.50). Fir-rigward tal-konvenuti l-oħra, il-Qorti tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża wkoll ikunu sopportati nofs mill-atturi, u nofs mis-soċjetajiet MFPS Limited u Laser Point Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------